



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6941/21

ENV 145
CHIMIE 33
COMPET 170
IND 59
PHARM 39
AGRI 130
RECH 98
ECOFIN 234
ECO 37
SOC 138
SAN 139
CONSOM 61
MI 157
ENT 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Marzu 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6695/21 + COR 1 (bg)	
Nru dok. Cion:	11976/20 + ADD 1 - COM(2020) 667 final
Suġġett:	Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Marzu 2021.

Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni

Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-istrateġija l-għdida tal-Unjoni Ewropea għat-tkabbir¹ u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew²;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2019 dwar strateġija tal-Unjoni rigward il-politika dwar is-sustanzi kimiċi³ bil-ħsieb ta' ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 (is-Seba' EAP)⁴, bl-isem "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u FILWAQT LI JFAKKAR fl-evalwazzjoni tal-programm⁵;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill bl-isem "It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Nibdlu x-Xejriet Flimkien"⁶;

¹ ST 15321/19 + ADD 1 - COM(2019) 650 final.

² ST 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 final.

³ ST 10713/19.

⁴ ĠU L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013, p. 171.

⁵ ST 9416/19 + ADD 1-2 - COM (2019) 233 final.

⁶ ST 12795/19.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)⁷ aktar ġenerali kif stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) tal-25 ta' Settembru 2015 dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli" li huma rilevanti għall-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u dwar il-mixja lejn produzzjoni u konsum sostenibbli, li tippromwovi, fl-istess ħin, teknoloġiji sostenibbli, u tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar kif l-irkupru jsir b'mod ċirkolari u ekoloġiku⁸;

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Riżoluzzjonijiet 1/5 tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart, 3/4 dwar l-ambjent u s-saħħa, speċifikament it-taqsimha dwar is-sustanzi kimiċi, 2/7 u 4/8 dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart; id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UNEA fir-raba' sessjoni tagħha dwar soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi ambjentali u konsum u produzzjoni sostenibbli; f'dan il-kuntest, FILWAQT LI JFAKKAR fil-Global Chemicals Outlook II mogħti mandat mill-UNEA li jsib li l-għan globali li l-impatti negattivi tas-sustanzi kimiċi u l-iskart jitnaqqsu kemm jista' jkun mhux ser jintlaħaq sal-2020 u li tenħtieġ azzjoni aktar ambizzjuża b'mod urġenti madwar id-dinja mill-partijiet ikkonċernati kollha;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza tal-proċess intersessjonali tal-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) bil-għan li tissaħħaħ il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart lil hinn mill-2020;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti, jiġifieri il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-kontroll tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri tal-iskart ta' riskju u d-disponiment minnhom, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi fil-Kummerċ Internazzjonali, il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu u s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi;

⁷ https://ec.europa.eu/international-partnerships/sustainable-development-goals_mt.

⁸ ST 13852/20 + COR 1.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar: "L-effetti tal-kombinazzjoni tas-sustanzi kimiċi - Taħlitiet kimiċi"⁹, "Dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart"¹⁰, "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva"¹¹, "Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi"¹², "Lejn qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-interferenti endokrinali"¹³, "Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent"¹⁴;

FILWAQT LI JIRREFERI għas-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità¹⁵ tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi, bl-esklużjoni tar-REACH, u l-isfidi, il-lakuni u d-dgħufijiet identifikati tagħhom; il-Kontroll tal-Idoneità fuq l-Interferenti Endokrinali¹⁶; ir-Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi¹⁷; l-"Istrateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima" tal-Kummissjoni¹⁸; l-istrateġija aġġornata għal "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa"¹⁹, u l-"Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"²⁰;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Istrateġija l-ġdida dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (minn hawn 'il quddiem l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi")²¹ hija komponent ċentrali tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE u inizjattiva ewlenija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, fil-mira tagħha li tagħmel lill-Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050 u l-ekonomija tagħha sostenibbli, ċirkolari, inklużiva[...] u li tħares l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem;

⁹ ST 10923/12.

¹⁰ ST 5479/18 - COM(2018) 32 final.

¹¹ ST 6766/20 - COM(2020) 98 final.

¹² ST 6916/18 - COM(2018) 116 final.

¹³ ST 14204/18 - COM(2018) 734 final.

¹⁴ ST 7680/19 - COM(2019) 128 final.

¹⁵ ST 10705/19 - COM(2019) 264 final.

¹⁶ ST 14204/18 - COM(2018) 734 final.

¹⁷ ST 6916/18 - COM(2018) 116 final.

¹⁸ ST 9390/20 - COM(2020) 301 final.

¹⁹ ST 13229/18 - COM(2018) 673 final.

²⁰ ST 6782/20 - COM(2020) 102 final.

²¹ ST 11976/20 + ADD 1 - COM(2020) 667 final.

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Istrateġija l-għdida dwar is-Sustanzi Kimiċi tirrappreżenta l-ewwel pass lejn l-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Ewropa u li hija komplementari għall-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa²², l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"²³, l-Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent²⁴, l-Istrateġija għall-Metan²⁵, l-Istrateġiji dwar l-Apparati Mediċi²⁶ u l-Istrateġija għall-Bijodiversità²⁷, kif ukoll għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari²⁸ u l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer²⁹, u, li għad iridu jitlestew, għall-Istrateġija dwar il-Ħamrija, il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021-2027, u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero³⁰;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li politika ambizzjuża b'miżuri effettivi għall-produzzjoni u l-użu ekoloġiċi, sikuri [...] u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi għandha l-potenzjal li ssaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija u l-industrija, tagħti spinta lill-innovazzjoni u toħloq impjiegi ġodda u opportunitajiet ta' tkabbir;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji Ewropej rilevanti taqdi rwol importanti fis-sistema tal-valutazzjoni tal-perikli u r-riskji u l-ġestjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi;

²² ST 6782/20 - COM(2020) 102 final.

²³ ST 8280/20 - COM(2020) 381 final.

²⁴ ST 7680/19 - COM(2019) 128 final.

²⁵ ST 11856/20 - COM(2020) 663 final.

²⁶ ST 7179/20 - COM(2020) 144 final.

²⁷ ST 8219/20 - COM(2020) 380 final.

²⁸ ST 6766/20 - COM(2020) 98 final.

²⁹ ST 5930/21 - COM(2021) 44 final.

³⁰ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "Towards a Zero Pollution Ambition for air, water and soil – building a Healthier Planet for Healthier People" (Għal Ambizzjoni ta' Tniġġis Żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija – il-bini ta' Pjaneta Aktar b'Saħħitha għal Nies Aktar b'Saħħithom), li għandha tiġi adottata fl-ewwel nofs tal-2021 (il-konsultazzjoni pubblika ntemmet fl-10 ta' Frar 2021).

A *L-Unjoni Ewropea għal viżjoni ambizzjuża dwar is-sustanzi kimiċi*

1. JILQA' l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità, li tistabbilixxi viżjoni fit-tul għall-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi li għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-UE, permezz tal-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli li jippermettu tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali billi tissostitwixxi u timminimizza s-sustanzi ta' tħassib, kemm jista' jkun, u telimina gradwalment is-sustanzi kimiċi l-aktar dannużi għal użi mhux essenzjali tas-soċjetà;
2. JAPPOĠĠA ESPRESSAMENT il-ħames oqsma ewlenin ta' azzjoni stabbiliti mill-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi: l-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli tal-UE; qafas legali tal-UE aktar b'saħħtu biex jindirizza tħassib urġenti dwar l-ambjent u s-saħħa; is-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-qafas ġuridiku; bażi ta' għarfien komprensiva dwar is-sustanzi kimiċi; li jingħata l-eżempju għal ġestjoni globali tajba tas-sustanzi kimiċi; u JAPPOĠĠA l-oġettivi operazzjonali tal-azzjonijiet speċifiċi kif identifikati mill-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi;
3. JILQA' l-għan tal-approċċ ta' "Sustanza waħda, Valutazzjoni waħda" bl-intenzjoni li jissimplifika u jtejjeb it-trasparenza tal-qafas regolatorju għall-valutazzjoni tal-periklu u tar-riskju tas-sustanzi kimiċi, iżid il-koerenza, jikkoordina aħjar ir-regoli tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, u jħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet; u JAPPOĠĠA l-estensjoni tal-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju għas-sustanzi l-aktar perikolużi u l-approċċ ta' sikurezza u sostenibbiltà mid-disinn;

4. ITENNI l-importanza tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi biex tikkomplementa u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari, fid-dawl tal-fatt li t-tranżizzjoni lejn sustanzi, materjali u prodotti aktar sikuri u aktar sostenibbli, b'mod partikolari fi prodotti għall-konsumaturi, ser twassal għal ċikli ta' materjali mhux tossiċi u għal ekonomija ċirkolari aktar nadifa; JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tneħħija gradwali tas-sustanzi ta' tħassib fil-prodotti u l-materjali riċiklati; u JISĦAQ fuq l-importanza ta' approċċ sikurezza u sostenibbiltà mid-disinn fil-kuntest ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja għas-sustanzi kimiċi, mill-materja prima użata għall-produzzjoni sal-istadju tal-iskart;
5. JIKKUNSIDRA li l-applikazzjoni sinerġika tal-istrumenti regolatorji eżistenti, bħar-Regolament REACH, ir-Regolament CLP, ir-Regolament dwar l-Ekotikketta, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva Qafas dwar l-OSH, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, kif ukoll l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli futura, u l-fondi rilevanti, huma kruċjali biex tistimula l-produzzjoni u l-użu ta' kimiċi, materjali u prodotti li huma diġà sikuri u sostenibbli fl-istadju tad-disinn; JISĦAQ fuq l-importanza ta' dispożizzjonijiet legali ċari fil-liġi tal-UE dwar il-prodotti u fl-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli³¹ li jiżguraw li s-sustanzi kimiċi, il-materjali u l-prodotti jkunu sikuri u sostenibbli mid-disinn;
6. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata, imsaħħa u żgurata koeżjoni akbar bejn il-politiki u l-qafas legali għas-sustanzi kimiċi biex jitħaffu l-proċeduri u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, u biex tinħoloq aktar prevedibbiltà u trasparenza, filwaqt li jitjieb il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiżgura koerenza politika u tisfrutta s-sinerġiji bejn il-politika dwar is-sustanzi kimiċi u politiki oħra;

³¹ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12567-Sustainable-products-initiative>.

B. Implimentazzjoni lejn is-sostenibbiltà u ambjent ħieles mit-tossiċità

7. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, skont is-setgħat tagħhom, mingħajr dewmien bla bżonn u f'konformità mal-prinċipji tal-liġi ambjentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, il-prinċipji tal-prekawżjoni u tal-prevenzjoni;
8. JILQA' l-istabbiliment ta' diskussjoni ta' livell għoli madwar mejda, biex jiġu realizzati l-għanijiet tal-Istrateġija dwar Sustanzi Kimiċi u tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, billi tiffoka b'mod partikolari fuq kif il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi tista' ssir aktar effiċjenti u effettiva, kif ukoll dwar kif tingħata spinta lill-iżvilupp u l-użu ta' sustanzi kimiċi innovattivi siguri u sostenibbli fis-setturi kollha; JISĦAQ fuq l-importanza tal-partekipazzjoni tal-Istati Membri fid-diskussjoni ta' livell għoli madwar mejda;
9. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt li l-Kummissjoni biġsiebha twettaq sabiex tiġbor informazzjoni u tivvaluta l-impatt possibbli tal-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija, inkluż għall-SMEs; JISĦAQ fuq l-importanza li dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt jitwettqu b'mod li jappoġġa l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi u jipprovdi appoġġ għal teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza;
10. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw tranżizzjoni ġusta, soċjalment ibbilanċjata u inklużiva lejn produzzjoni u użu aktar ekoloġiċi, sikuri u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi; u f'dan il-kuntest, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-metodi biex tiddetermina l-ispejjeż u l-benefiċċji tas-soċjetà; IFAKKAR fl-importanza tal-protezzjoni adegwata tal-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari billi jiġi adottat approċċ ġenerali fil-leġiżlazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi; għalhekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza li jkun hemm definizzjoni trasversali ta' gruppi vulnerabbli;

11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u bijoċidi; u f'dan il-kuntest, JENFASIZZA r-rwol vitali tad-dakkara u speċijiet oħra għal ekosistemi b'saħħithom u s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll il-ħtieġa li jitreggġu lura t-tnaqqis tagħhom u jiġu attivati l-lievi kollha biex jipproteġu l-bijodiversità u l-ekosistemi partikolarment vulnerabbli; u JFAKKAR fid-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pesticidi³² u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva msemmija u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan ir-rapport³³, kif ukoll l-ambizzjoni li tkompli tnaqqas l-użu u r-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
12. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjonijiet b'rabta mal-approċċ ta' sikurezza u sostenibbiltà mid-disinn, l-estensjoni tal-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju, l-effett kombinat tas-sustanzi kimiċi, inkluż l-introduzzjoni ta' fattur tal-valutazzjoni tat-taħlit, sustanzi b'alkil per- u polifluworinat (PFAS), interferenti endokrinali, l-ottimizzazzjoni tal-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart, it-tolleranza żero għan-nuqqas ta' konformità inkluż permezz tal-prinċipju ta' "ebda data, ebda suq", l-għan tat-tmexxija globali, u r-rieżami tad-definizzjoni tan-nanomaterjali, li jiżguraw l-introduzzjoni koerenti u legalment vinkolanti tiegħu fil-leġislazzjoni settorjali, kif ukoll dawk l-azzjonijiet rigward l-emendi mmirati tar-Regolamenti REACH u CLP;
13. JISSOTTOLINJA li l-PFAS jeħtieġu attenzjoni speċjali billi huma ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tagħhom, sakemm ma jiġix pruvat li l-użu tagħhom huwa essenzjali għas-soċjetà; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Kunsill dwar il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-PFAS inkluż fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta aktar miżuri biex tikkomplementa l-proposta ta' restrizzjoni antiċipata tal-PFAS;

³² Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86).

³³ ST 13454/20.

14. IFAKKAR fil-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas legali Ewropew fil-qasam tal-interferenti endokrinali, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati malajr u fil-ħin fil-qafas tar-Regolament CLP, sabiex jiġi minimizzat l-esponiment tal-bnedmin u tal-ambjent għalihom, u jiġi żgurat livell għoli u koerenti ta' protezzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni; għal dan il-għan, JAPPOĠĠA l-iżvilupp aċċellerat ta' metodi ta' ttestjar li jiġġeneraw informazzjoni dwar il-proprietajiet ta' interferenza endokrinali tas-sustanzi kimiċi;
15. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tar-REACH, b'mod partikolari fir-rigward ta' sustanzi ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli (UVCBs) sabiex jiġi żgurat li jkun fihom biżżejjed informazzjoni dwar l-identità u l-proprietajiet ta' sustanzi rreġistrati, u biex tiġi eżaminata bir-reqqa l-ħtieġa li jiġu rreġistrati sustanzi li bħalissa huma esklużi mill-proċess;
16. JENFASIZZA li bi prinċipju, l-istess valur limitu għal sustanzi perikolużi għandu japplika għal materjal verġni u riċiklat; JIRRIKONOXXI li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, deroga temporanja għal dan il-prinċipju tista' tkun meħtieġa, bil-kondizzjoni li l-użu ta' materjal riċiklat huwa limitat għal applikazzjonijiet definiti b'mod ċar, fejn m'hemm l-ebda impatt negattiv fuq is-saħħa tal-konsumaturi u l-ambjent, u fejn ġustifikat fuq il-bażi ta' analiżi ta' kull każ;
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa mingħajr dewmien żejjed, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, definizzjonijiet armonizzati, ċari u preċiżi, u fejn adegwat, kriterji jew prinċipji għall-kunċetti li huma kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, bħal "sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli mid-disinn" u "sustanzi ta' tħassib", bażikament sabiex ikun hemm ċertezza legali u fehim komuni fost il-partijiet kollha;

18. JENFASIZZA li l-kunċett ta' "użi essenzjali" huwa element ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi li ser tingħata attenzjoni prijoritarja sabiex issir operazzjonali mingħajr dewmien żejjed; f'dan il-kuntest, JIKKUNSIDRA li d-definizzjoni ta' "użi essenzjali" fil-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu hija punt ta' tluq tajjeb għall-iżvilupp ta' qafas ta' użu essenzjali għas-sustanzi kimiċi skont is-suppożizzjoni li l-kriterji mill-Protokoll jeħtieġ li jiġu adattati għall-kamp ta' applikazzjoni ħafna usa' u għad-diversi oqsma ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-UE għas-sustanzi kimiċi;
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa fi żmien xieraq, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, pjanijiet direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-approċċ ta' sikurezza u sostenibbiltà mid-disinn għas-sustanzi kimiċi u għar-reviżjoni tar-REACH;
20. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar informazzjoni dwar id-disinn u l-implimentazzjoni tal-approċċ "Sustanza waħda, Valutazzjoni waħda"; u JENFASIZZA fl-istess ħin li dan l-approċċ jenħtieġ li ma joħloqx dewmien f'azzjonijiet regolatorji u lanqas iżid il-piż amministrattiv; f'dan ir-rigward, JISĦAQ fuq l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu involuti mill-qrib fl-iżvilupp ta' dan l-approċċ u li jinżammu d-drittijiet tal-Istati Membri skont kwalunkwe leġislazzjoni, b'mod partikolari r-Regolamenti REACH u CLP, biex tinbada azzjoni regolatorja;
21. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex twettaq l-estensjoni tal-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju bħala proċess gradwali, billi tibda bis-sustanzi kimiċi l-aktar dannużi fi prodotti tal-konsumaturi u mbagħad tinkludi aktar sustanzi kimiċi dannużi; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ kemm jista' jkun malajr; JAPPOĠĠA l-prijoritizzazzjoni ta' restrizzjonijiet għas-sustanzi kimiċi l-aktar dannużi li għandhom jiġu koperti mill-approċċ ġeneriku għall-użi kollha u permezz tar-raggruppament bħala soluzzjoni interim sakemm tiġi implimentata bis-sħiħ l-estensjoni tal-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju; JENFASIZZA li l-Istati Membri jenħtieġ li wkoll ikunu jistgħu jibdwew restrizzjonijiet abbażi ta' dan l-approċċ;

22. JIRRIKONOXXI li l-kisba tal-objettivi u l-viżjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi tirrikjedi bidliet għal-leġiżlazzjoni rilevanti, inkluż ir-Regolamenti REACH u CLP; u JAPPOĠĠA ESPRESSAMENT l-emenda mħabbra tar-Regolament REACH b'mod immirat, flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt komprensiva, sabiex jiġi żgurat li l-bidliet la jdgħajfu lir-REACH, la jbaxxu l-livell ta' protezzjoni diġà miksub, u lanqas jaffettwaw id-drittijiet tal-Istati Membri li jibdwu u jinfluwenzaw azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament;
23. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-Regolament REACH għall-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi u r-rwol ċentrali tar-Regolament CLP għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-periklu ta' sustanzi kimiċi; JAPPOĠĠA t-tisħiħ imħabbar ta' rekwiżiti tad-data skont ir-REACH, u l-introduzzjoni ta' klassijiet u kriterji ġodda ta' periklu skont is-CLP, inkluż għall-interferenza endokrinali u għall-persistenza flimkien mal-bijoakkumulazzjoni jew inkella mal-mobbiltà, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib ambjentali;
24. JIRRIKONOXXI li r-rotot kollha jikkontribwixxu għall-esponiment, inkluż l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, u mit-taħlitiet, il-materjali u l-prodotti, matul il-fażi tal-produzzjoni, tal-użu u tal-iskart tagħhom; f'dan il-kuntest, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero tippreżenta approċċ integrat li jindirizza r-rotot ta' esponiment kollha, bħall-arja, l-ilma u l-ħamrija, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ekosistema b'mod effettiv u effiċjenti;

C. *Abilitazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali*

25. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-finanzjament u l-investiment biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi;

26. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timplimenta miżuri, inkluż fil-livell finanzjarju, bil-għan li tappoġġa, b'mod partikolari l-intrapriżi, b'attenzjoni speċjali għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, fl-isforz biex jiġu identifikati u indirizzati l-ħtiġijiet tat-transizzjonijiet, b'mod partikolari l-isfidi l-ġodda assoċjati mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi;
27. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi u ppremjati l-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi, materjali u prodotti sikuri u sostenibbli mid-disinn (inkluż permezz ta' inċentivi għall-industrija) abbażi tal-kunċett ta' "kimika ekoloġika", u li jiġu prijoritizzati innovazzjonijiet li jtejb u s-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib;
28. JISSOTTOLINJA li sabiex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, huwa meħtieġ l-infurzar tal-*acquis* tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, inkluż azzjoni ta' infurzar koordinata dwar l-oqsma magħrufa ta' nuqqas kbir ta' konformità, abbażi tal-mudell operazzjonali tal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippovdi aktar informazzjoni dwar il-proposta biex tiġi stabbilita Kapacià Ewropea tal-Awditjar u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF); IFAKKAR li l-għodod diġitali jistgħu jappoġġaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ambjentali Ewropej u l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-UE;
29. JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni tal-Istati Membri fil-qasam tal-infurzar u, f'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIHMOM biex iżidu l-kapaċitajiet ta' infurzar tagħhom, jiġifieri permezz tal-ottimizzazzjoni tar-riżorsi, u jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tal-protezzjoni tal-konsumatur u daww ambjentali, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, għall-gruppi u l-ħaddiema vulnerabbli, kif ukoll għall-ambjent; JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq u r-rwol tal-awtoritajiet doganali;

30. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jesploraw modi kif jimmiraw il-finanzjament Ewropew (ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza, il-fondi strutturali, eċċ.) u jimmobilizzaw il-finanzjament inkluż fil-livell nazzjonali, kemm pubbliku kif ukoll privat, biex jappoġġaw lill-industrija tal-UE f'din it-trasformazzjoni billi jattiraw l-investiment f'sustanzi, materjali u prodotti, u metodi tal-produzzjoni sikuri u sostenibbli;
31. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu allokat i r-riżorsi meħtieġa għall-aġenziji Ewropej fid-dawl tal-attribuzzjoni mill-ġdid prevista tal-ħidma teknika u xjentifika fuq is-sustanzi kimiċi, inkluż qafas baġitarju xieraq u fit-tul, u, b'mod partikolari, għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), filwaqt li jitqies ir-rwol ċentrali tagħhom fl-implimentazzjoni ta' xi objettivi ewlenin tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora modi kif jiġu żgurati fondi adegwati għall-ECHA, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, inkluż il-prinċipju tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi;
32. JINDIKA li r-riċerka u interfaċċa msaħħa bejn ix-xjenza u l-politika huma ta' rilevanza kbira għall-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi; f'dan il-kuntest, JILQA' l-istabbiliment ta' Sistema ta' Twissija u Azzjoni Kimika Bikrija tal-UE; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' ċentru ta' valutazzjoni tar-riskju tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE kollha permezz tas-Sħubija futura ta' Orizzont Ewropa għall-Valutazzjoni tar-Riskji minn Sustanzi Kimiċi (PARC), sabiex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-ġestjoni tar-riskju nazzjonali u tal-UE biex jindirizzaw l-isfidi attwali, emerġenti u ġodda għas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi, u biex jippermetti t-tranżizzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju tal-ġenerazzjoni li jmiss biex jikkontribwixxi għal livell ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika taċ-ċittadini tal-Ewropa u tal-ambjent;
33. JENFASIZZA l-importanza tal-ħidma li saret mill-OECD, b'mod partikolari, fir-rigward tal-istrateġiji u l-metodi tal-ittestjar tas-sustanzi kimiċi; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-kontributi xjentifiċi tagħha u tipprovdi appoġġ għal din il-ħidma, kif xieraq, inkluż fil-livell finanzjarju sabiex tagħmel ir-rekwiżiti tal-ittestjar aktar operazzjonali fil-prattika; JAPPOĠĠA inizjattivi biex ikomplu jnaqqsu d-dipendenza fuq l-ittestjar fuq l-annimali;

34. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ir-rilevanza ta' mudelli ta' negozju innovattivi bħal mudelli ta' negozju bbażati fuq il-prestazzjoni, l-edukazzjoni u l-bini ta' ħiliet, sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli u ċikli ta' materjal ħielsa minn sustanzi tossiċi; JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi involuta l-katina tal-valur kollha kemm hi f'dawn il-proċessi sabiex jittejjeb is-suċċess tal-introduzzjoni ta' suq ta' sustanzi kimiċi sostenibbli; JINKORAĠĠIXXI lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali biex jinkiseb appoġġ aktar b'saħħtu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tas-settur tas-sustanzi kimiċi;

D. Sostenibbiltà u kompetittività, li joħolqu l-opportunitajiet

35. JIRRIKONOXXI li f'diversi livelli, l-industrija tas-sustanzi kimiċi hija ta' sinifikat ewlieni għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej, u JENFASIZZA li l-industrija tas-sustanzi kimiċi hija settur industrijali ewlieni għall-avvanz tat-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali, u attur ewlieni fl-iżvilupp ta' industrija Ewropea sostenibbli u kompetittiva;
36. JENFASIZZA li proċessi u teknoloġiji industrijali ġodda u aktar nodfa għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-impronta ambjentali ta' sustanzi kimiċi, jevitaw esternalitajiet negattivi, itejbu t-tnejjija tas-suq, u joħolqu swieq ġodda għal industrija Ewropea sostenibbli tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni; JAQBEL li sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli jistgħu jtejbu soluzzjonijiet sostenibbli f'ħafna setturi, inkluż għal plastik, materjali tal-kostruzzjoni, tessuti, mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, batteriji, turbini eoliċi, u sorsi tal-enerġija rinnovabbli;
37. JINDIKA li l-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli ser joffri soluzzjonijiet globali ġodda u jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-sustanzi kimiċi u lill-ktajjen tal-valur tagħha stabbiliti madwar id-dinja, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni globali tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari, dik tal-konsumaturi, tal-gruppi vulnerabbli u tal-ħaddiema;

E. Flimkien – kondiviżjoni tal-informazzjoni, komunikazzjoni

38. JILQA' l-istabbiliment ta' network ta' appoġġ ta' sikurezza u sostenibbiltà mid-disinn fl-UE kollha biex jippromwovi l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost is-setturi u l-ktajjen tal-valur, u JINNOTA li dan in-network jenħtieġ li jipprovdi għarfien espert tekniku dwar l-alternattivi, filwaqt li jiġi żgurat li d-data tissodisfa l-prinċipji gwida FAIR³⁴;
39. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, għalhekk, biex taħdem mal-Istati Membri, l-industrija u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fuq l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-qasam ta' sustanzi kimiċi, materjali u prodotti sikuri u sostenibbli, inkluż teknoloġiji alternattivi u mudelli ta' negozju sostenibbli;
40. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti u komprensibbli dwar il-kontenut kimiku ta' prodotti u t-traċċabbiltà tiegħu tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' materjali u prodotti, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' passaporti tal-prodotti, biex b'hekk jiġi żgurat suq li jiffunzjona tajjeb għal materja prima sekondarja sikura u ta' kwalità għolja;
41. JENFASIZZA r-rilevanza ta' bażi ta' informazzjoni komprensiva dwar is-sustanzi kollha mqiegħda fis-suq u dwar l-impronta ambjentali ġenerali tagħhom, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-klima, il-biodiversità u l-ambjent tal-baħar;

F. L-Unjoni Ewropea għal aġenda dinjija ambizzjuża dwar is-sustanzi kimiċi

42. JIRRIKONOXXI l-importanza tad-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi u l-ħtieġa li jiġi promoss, sa fejn ikun possibbli, il-livell għoli ta' ambizzjoni tagħha biex tiproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fil-livell globali;
43. JISĦAQ fuq l-ħtieġa li jingħata kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030, inkluż il-ġestjoni responsabbli u tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart;

³⁴ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/turning_fair_into_reality_0.pdf: Id-data FAIR hija dik id-data li tissodisfa l-prinċipji tas-sejbien, tal-aċċessibbiltà, tal-interoperabbiltà u tal-użu mill-ġdid.

44. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-adozzjoni ta' objettivi u miri strateġiċi globali għall-
ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart lil hinn mill-2020; u JISTIEDEN lill-
Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu aktar għall-ħidma fuq l-istabbiliment
ta' qafas globali futur għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart lil hinn mill-2020;
JIRRIKONNOXXI r-rilevanza li jiġu żviluppati internazzjonalment standards komuni u għodod
ta' valutazzjoni tar-riskju innovattivi, flimkien mal-użu ta' dawk l-istandards fl-oqfsa
internazzjonali; JINNOTA li tali miżuri internazzjonali għandhom il-potenzjal li jtejbu l-
kompetittività tal-industrija Ewropea tas-sustanzi kimiċi u tal-katina tal-valur tagħha;
45. JILQA' ESPRESSAMENT l-inizjattivi tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi biex titwettaq
tmexxija internazzjonali li tippromwovi ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart, sabiex
jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent madwar id-dinja, inkluż fir-rigward ta' sustanzi
importati li huma projbiti jew regolati ħafna, biex b'hekk jiġu żgurati kondizzjonijiet
ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u tiġi indirizzata l-produzzjoni għall-esportazzjoni ta' sustanzi
kimiċi dannużi mhux permessi fl-Unjoni Ewropea; JISĦAQ fuq l-importanza tal-
kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora kif tista'
tappoġġa bl-aħjar mod il-kooperazzjoni xjentifika globali u l-kooperazzjoni bejn in-negozji;
46. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-appoġġ tekniku tagħhom u
biex ikomplu jsaħħu l-kapaċitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jagħmlu ħilithom biex
jiksibu ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart madwar id-dinja abbażi tal-
Konvenzjonijiet internazzjonali u strument futur għall-Ġestjoni Tajba tas-Sustanzi Kimiċi u
tal-Iskart lil hinn mill-2020; JISĦAQ fuq l-importanza li l-ħsara ambjentali u d-dannu lis-
saħħa tal-bniedem ma jgħaddux għal fuq pajjiżi terzi;

47. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) huma strument ewlieni għall-ġestjoni effikaċi tas-sustanzi kimiċi fil-pajjiżi kollha; JITLOB lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-introduzzjoni, l-adattament jew il-kjarifika ta' klassijiet tal-kriterji/periklu fil-GHS skont l-emendi maħsuba tar-Regolament CLP, sabiex jittejbu l-konsistenza, it-trasparenza, l-iskambju ta' informazzjoni[...] u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni; JITLOB lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tkompli bl-isforzi tagħha biex jiġu nominati sustanzi skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma;

G. Il-monitoraġġ tal-progress lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi

48. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri tiżviluppa u tagħti bidu għal qafas komprensiv għall-monitoraġġ ta' sustanzi kimiċi bħala parti minn qafas usa' ta' monitoraġġ u prospettiva ta' tniġġis żero, b'riżultati aċċessibbli pubblikament, biex jiġu sorveljati l-forzi li jwasslu għat-tniġġis kimiku u l-impatt tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, biex jiġi kumplementat il-monitoraġġ tal-preżenza ta' sustanzi kimiċi fl-ekosistemi, u biex titkejjel l-effettività tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, mibnija fuq inizzjattivi eżistenti u pjanati, bħall-HBM4EU³⁵ u l-PARC³⁶, u fuq indikaturi b'dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali;
49. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi u timmonitorja l-iżvilupp tal-azzjonijiet kollha msemmija fil-istrateġija, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent, u biex tipprovdi informazzjoni regolari lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew;
50. JINSAB LEST biex ikompli jaħdem fuq proposti futuri li huma parti mill-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi.

³⁵ Human Biomonitoring in Europe to Provide Evidence for Chemical Policy Making (Il-Bijomonitoraġġ fil-Bniedem fl-Ewropa ser Jagħti Evidenza għat-Tfassil tal-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi) (HBM4EU) - <https://www.hbm4eu.eu/>.

³⁶ Abbozz ta' Proposta għal Sħubija Ewropea skont Orizzont Ewropa għall-Valutazzjoni tar-Riskju tas-Sustanzi Kimiċi (PARC), 6 ta' Ġunju 2020 - https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/research_and_innovation/funding/documents/ec_rtd_h_e-partnerships-chemical-risk-assessment.pdf.